MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Numru 580/2002

Il-Pulizija
(Sp Silvio Valletta)
vs
Anthony Camilleri, iben Philip,
imwieled Żebbuġ fl-4 ta'
novembru, 1941

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fil-15 ta' mejju, 2002 għal ħabta tal-4.45 p.m. f'Ħaż-Żebbuġ, bil-ħsieb li jagħmel reat u cioe' li joqtol lil JacquelineMary Fenech jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi permezz ta' manarett ta diversi daqqiet liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna diversi feriti gravi fuq il-persuna ta' Jacqueline Mary fenech liema feriti jikkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem jew iġibu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, u jġibu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fl-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tiegħu arma rregolari (manarett).

Rat illi fil-mori tal-kawża l-imputat miet fit-30 ta' lulju, 2003.

Rat iċ-ċertifikat tal-mewt ta' l-imputat.

Għaldaqstant, wara li rat id-dokument eżebit tiddikjara l-proċediment estint.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------